**Il-Ħadd wara Għid il-Ħamsin**

# It-Trinità Qaddisa

**Solennità**

## Qari I

*Il-Mulej hu Alla li jagħder u jħenn.*

Eż 34, 4b-6.8-9

**Qari mill-Ktieb ta' l-Eżodu**

F'dak iż-żmien, [4]Mosè qam filgħodu kmieni, u tala' fuq il-muntanja
tas-Sinaj, kif kien ordnalu l-Mulej, u ħa f'idejh iż-żewġ twavel
tal-ġebel.

[5]Imbagħad il-Mulej niżel fi sħaba u waqaf hemm maġenbu; u xandar
l-isem tal-Mulej. [6]U l-Mulej għadda minn quddiemu u għajjat:
«Jaħweh! Jaħweh! Alla li jagħder u jħenn; tqil biex jagħdab u kbir
fit-tjieba u fil-fedeltà.»

[8]Mosè minnufih inxteħet għal wiċċu fl-art, ta qima u qal: [9]«Jekk jien
tassew sibt ħniena quddiemek, Sidi, ħa jiġi Sidi ġo nofsna, nitolbok;
għax dan hu poplu rasu iebsa. Aħfrilna ħżunitna u ħtijietna, u ħudna
b'wirt għalik.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Dan 3, 52.53.54.55.56

R/. (52b): Ta' min ifaħħrek u jgħollik fuq kollox għal dejjem

52Imbierek int, Mulej, Alla ta' missirijietna. R/.

Imbierek ismek, qaddis u msebbaħ. R/.

53Imbierek int fit-tempju tas-sebħ imqaddes tiegħek. R/.

54Imbierek int li qiegħed fuq il-kerubini, li ħarstek tinfed l-abbissi. R/.

55Imbierek int fuq it-tron ta' saltnatek. R/.

56Imbierek int fil-wisa' kollu tas-sema. R/.

## Qari II

*Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla, u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu.*

2 Kor 13, 11-13

**Għeluq tat-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin**

11Ħuti, ifirħu, ħabirku għall-perfezzjoni, isimgħu milli wieħed jgħidilkom, kunu ta' fehma waħda, żommu s-sliem, u Alla ta' l-imħabba u s-sliem ikun magħkom.

12Sellmu lil xulxin b'bewsa qaddisa. Il-qaddisin kollha jsellmulkom.

13Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu jkunu magħkom ilkoll.

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

ara Apok 1, 8

Hallelujah. R/. Hallelujah
Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu,
lil Alla li hu, u li kien, u li għad irid jiġi.
R/. Hallelujah

## Evanġelju

***Alla bagħat lil Ibnu fid-dinja biex bih hija ssalva.***

Ġw 3, 16-18

**✠ Qari mill-Evanġelju skond San Ġwann**

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lil Nikodemu: 16«Alla hekk ħabb lid-dinja
li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda
jkollu l-ħajja ta' dejjem.

17Għax Alla ma bagħatx lil Ibnu fid-dinja biex jagħmel ħaqq
mid-dinja, imma biex id-dinja ssalva permezz tiegħu.

18Min jemmen fih ma jkunx ikkundannat; iżda min ma jemminx
huwa ġa kkundannat, għax ma emminx fl-isem ta' l-Iben il-waħdieni
ta' Alla.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu